MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2009

Talba Numru. 442/2008

**Anthony Borg (ID-132347-M)**

**Vs**

**Henry Schembri (ID-781360-M) u**
**Judith Victoria Schembri (ID-739061-M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta` Gunju, 2008, fejn intalab sabiex il-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lill-attur is-somma ta' Euro3,303.05c rapprezentanti in parte bhala arretrati ta` kera tal-Bar bl-isem ta` "Henry's Hide Out" gewwa Haz-Zabbar ghal perjodu minn Lulju, 2007 sa Gunju, 2008 u in parte bhala refuzjoni ta` hlas ta` licenzja tal-Malta Tourism Authority ghas-sena 2007.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra illi ghalkemm legalment notifikati l-konvenuti naqqsu li jikkontestaw formalment it-talba attrici.

Ra n-nota ta` l-attur datata 24 ta` Ottubru, 2008 li permezz taghha rriduca t-talba tieghu ghal Euro738.41c stante l-pagament ta` Euro2,564.64c fil-mori tal-kawza.

Ra nota ohra prezentata mill-istess attur fis-16 ta` Jannar, 2009 in forza ta` liema ceda l-atti tal-kawza in kwantu jolqot is-sorte stante pagament ta` l-istess fl-intier fil-mori tad-differiment filwaqt li zamm ferm id-dritt tieghu fir-rigward tal-Kap ta` l-ispejjez.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet ta` l-attur ghas-subizzjoni tal-konvenuti sabiex iwiegbu ghalihom bil-gurament taghhom u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz fir-rigward tal-Kap ta` l-ispejjez jigi ppruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Ra illi ghalkemm il-konvenuti kienu debitament notifikati b'dawn il-proceduri huma naqqsu li jidhru fis-seduta tas-16 ta` Jannar, 2009, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni taghhom u lanqas ma dehru ghas-seduta ta' llum, u ghalhekk in-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal qieghed jilqa' t-talba attrici in kwantu tolqot il-Kap ta` l-ispejjez u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuti ihallsu l-ispejjez kollha ta` din l-istanza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------